Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Diċembru 2016
(OR. fr)

14973/16

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0443 (COD)

CODEC 1758
ENV 745
ENER 406
IND 256
TRANS 464
ENT 219
SAN 414

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (**l-ewwel qari**) - Adozzjoni tal-att leġislattiv (**AL+D**)

1. Fl-20 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Lulju 2014[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Ottubru 2014[3].

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-23 ta' Novembru 2016. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

1 dok. 18167/13.
2 ĠU C 451, 16.12.2014, p. 134.
3 ĠU C 415, 20.11.2014, p. 23.
4 dok. 14747/16.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 34/16, bid-delegazzjoni Ungeriża, Pollakka, Rumena, Litwana, Awstrijaka u Daniża jivvotaw kontra u bid-delegazzjoni Kroata tastjeni;

- jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota;

- jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġislattiv.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.